MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2013

Numru. 295/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**James Portelli**

**Illum 27 ta' Frar, 2013**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat James Portelli ta' 32 sena, iben Francis u Giovanna nee` Stevens, imwieled Pieta` nhar it-3 ta' April 1980, residenti Caravan, Married Quarters, Rikasoli, Kalkara u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 188180M

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer fil-31 ta’ Mejju 2012:-

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) Kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) Kif ukoll talli ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta’ mitt (100) metru mill-parametru ta’ skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta’ Frar 2013, fejn il-partijiet ezentaw lil din il-Qorti, kif presjeduta, milli terga’ tisma l-provi mressqa fil-kawza sa dak in-nhar u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2012, il- prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta’ Frar 2013, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih. Din l-ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputazzjoni (b) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, stante li din serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar u bejgh tad-droga eroina.

Fil-kaz odjern, l-ammissjoni tal-hati mhix wahda bikrija, stante li l-kawza inbdiet fl-1 ta' Gunju 2012, fil-waqt illi l-ammissjoni saret fis-seduta tal-11 ta' Frar 2013 – cioe` 8 xhur wara li nbdiet il-kawza. Jigi rilevat illi din l-ammissjoni saret wara li l-prosekuzzjoni kienet diga` iddikjarat il-provi taghha maghluqa fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012 u fil-fatt fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prosekuzzjoni kienet ippruvat il-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, anki ghaliex l-imputat inqabad *in flagrante* mill-pulizija b'erba' pakketti zghar eroina fil-pussess tieghu, u dan fil-waqt li kien qieghed jghaddi d-droga lil terza persuna, certu Alessio Polidano. Fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2012, l-istess Alessio Polidano xehed u kkonferma illi huwa kien inghata d-droga eroina minghand l-imputat. Jinghad illi minkejja l-ammissjoni tieghu fl-imsemmija seduta tal-11 ta' Frar 2013, l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti u r-rizorsi tal-Pulizija, u ghalhekk m'ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena ghall-fatt li huwa irregistra din l-ammissjoni.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fedina penali tal-imputat li mhijiex wahda allarmanti. Fil-fedina penali, l-imputat ghandu kundanna wahda in konnessjoni ma' pussess semplici tad-droga.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll illi apparti d-droga eroina li l-imputat kien ghadu kif ghadda lil Alessio Polidano, kif indikat izjed il'fuq, li fir-rigward tal-kwantita` ta' din id-droga ma tressqitx prova cara ghajr illi l-istess Polidano gie mitlub ihallas €10 ghall-istess droga, l-imputat instab fil-pussess ta' 2.4 grammi eroina maqsuma

f'erba' pakketti[1]. L-ebda prova ma ngabet dwar il-purita` ta' din id-droga.

Id-difiza resqet prova, u dan permezz ta' *Social Inquiry Report* dwar l-imputat, redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina fuq talba tal-istess difiza, liema rapport gie esebit mill-istess Svetlana Bezzina fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012 (Dok. SB1, a fol. 157 et seq), fis-sens illi skond il-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri li bhalissa qieghed isegwi lill-imputat gewwa l-*Forensic Unit* fl-Isptar Monte Karmeli, l-imputat isofri minn kundizzjoni li taffettwa b'mod negattiv is-*self-esteem* tieghu u li l-imputat ikollu "*occasional low mood*" minhabba r-riperkussjonijiet ta' din il-kundizzjoni. Skond l-istess Psikjatra, u dan kif jirrizulta mill-istess rapport tal-Ufficjal tal-*Probation*, din il-kundizzjoni tal-imputat tqanqal l-uzu tieghu tad-droga u l-imputat ghalhekk jirrikorri ghal "*self-medication of illicit substances for his disability*" biex ihossu ahjar mieghu inniffsu.[2] Ghalkemm fis-seduta tal-11 ta' Frar 2013, id-difiza irrinunzjat ghax-xhieda ta' Dr. Joseph Spiteri, u ghalhekk jista' jinghad illi dak li gie rrappurtat mill-Ufficjal tal-*Probation* fir-rigward ta' dak li ntqal lilha mill-istess Dr. Spiteri, huwa *hearsay evidence*, madankollu fit-trattazzjoni dwar il-piena, il-prosekuzzjoni ma kkontestatx il-fatt, izda anzi qablet, illi l-imputat ibati minn kundizzjoni medika. Dan kollu qed jinghad biss ghaliex id-difiza resqet din il-prova sabiex tigi kkunsidrata minn din il-Qorti ghar-rigward tal-piena li ghandha tinghata lill-imputat. Ciononostante kif ser jinghad izjed l'isfel, din il-Qorti ma tqisx li tali kundizzjoni medika ghandha tigi meqjusa ghall-fini ta' riduzzjoni tal-piena li ghandha tinghata lill-imputat tenut kont tal-imputazzjonijiet minnu ammessi.

Il-Qorti tinnota wkoll illi mill-istess *Social Inquiry Report*, jirrizulta illi l-imputat issottometta ruhu ghal diversi testijiet

[1] Dan jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju 2012 fejn ghalkemm l-ammont ta' droga esebita mill-prosekuzzjoni, giet erronjament indikata fl-istess verbal bhala 0.4 gramma, kien hemm qbil bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni illi l-istess droga kienet eroina. Sussegwentement fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju 2012, b'referenza ghall-verbal precedenti, id-difiza u l-prosekuzzjoni ghamlu korrezzjoni fis-sens illi l-ammont komplessiv ta' eroina li nstab, ma kienx ta' 0.4 gramma izda ta' 2.4 gramma maqsuma f'pakketti kif spjegat fix-xhieda moghtija mill-pulizija u li gew fil-fatt esebiti.

[2] *Vide Social Inquiry Report* a fol. 165 tal-process.

tal-urina matul iz-zmien li ilu jinzamm taht arrest preventiv gewwa l-*Forensic Unit* u ghalkemm l-ewwel test irrizulta posittiv ghal sustanzi illeciti tal-kokaina u kannabis, it-testijiet li ttiehdu wara rrizultaw negattivi.[3] Jirrizulta wkoll mill-istess rapport illi waqt li dan kien qieghed jigi redatt, giet diskussa mal-imputat in-necessita` li huwa jigi riferut mill-Ufficjal tal-*Probation* ghand wahda mill-agenziji lokali kontra l-abbuz tad-droga. Filwaqt li l-imputat wera x-xewqa li jibqa' jzomm il-boghod minn sustanzi illeciti la darba jirritorna lura fil-komunita`, fir-rigward tas-sustanza tal-kannabis il-motivazzjoni tieghu ghall-bidla ghad trid tigi msahha.[4] Din il-Qorti kkunsidrat ukoll illi skond Dr. Joseph Spiteri, fid-dawl tal-kundizzjoni medika tal-imputat, l-istess imputat ikun vulnerabbli ghall-abbuz tad-droga gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u li f'kaz li l-imputat jinghata sentenza karcerarja ikun ghaqli li huwa jibqa' jinzamm gewwa l-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Karmeli. In oltre, jirrizulta wkoll mill-istess rapport, a bazi ta' dak li inghad lill-Ufficjal tal-Probation minn Dr. Joseph Spiteri, li l-imgieba tal-imputat gewwa l-imsemmi *Unit* hija wahda tajba hafna.[5] Ghalkemm jista' jinghad illi dak li ntqal minn Dr. Joseph Spiteri lill-Ufficjal tal-*Probation Officer* fir-rigward tat-testijiet li saru lill-imputat huma wkoll *hearsay evidence*, madankollu l-istess imputat ikkonferma mal-*Probation Officer* li matul iz-zmien li fih ilu jinzamm taht arrest preventiv huwa waqqaf l-uzu tas-sustanzi illeciti. In oltre dak li nghad li stqarr Dr. Spiteri rigward il-vulnerabilita` tal-imputat ghall-abbuz kemm il-darba jsib ruhu gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ser jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti biss ghall-fini ta' rakkomandazzjoni dwar kif ghandha tigi skontata l-piena li ser tinghata lill-istess imputat.

Minkejja l-kundizzjoni medika tal-imputat u minkejja l-fatt illi l-ammont ta' droga misjuba ma kienx wiehed kbir, kif fil-fatt qablu iz-zewg partijiet quddiem din il-Qorti waqt it-trattazzjoni taghhom dwar il-piena, il-Qorti tikkondividi dak li tenniet din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs George Vella*** (Kawza Nru. 51/2009)

---

[3] *Vide Social Inquiry Report* a fol. 165 tal-process.

[4] *Vide Social Inquiry Report* a fol. 164A tal-process.

[5] *Vide Social Inquiry Report* a fol. 165 tal-process.

deciza fit-23 ta' Jannar 2013, fejn inghad illi "*Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta' drogi bhala reat serjissimu, u ma huwa ebda attenwant il-fatt li dan isir minn drug addict biex jiffinanzja l-problema tad-droga tieghu. Min isofri mill-problema tad-droga u/jew ghandu problemi familjari ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi l-problemi familjari, u mhux jittraffika d-droga. Il-vizzju u l-problemi ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor, u possibilment jirvina anke zghazagh ohra*". Dan kif gie ritenut ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Carmel Shone Stone*** (Appell Nru. 198/96), deciza fl-20 ta' Jannar 1997 u fis-sentenza taghha fl-istess ismijiet, moghtija fl-istess jum (Appell Nru. 196/96) fis-sens illi "*l-fatt li persuna tkun "drug addict" ma jintitolahiex li taghmel affarijiet li jistghu jkunu ta' detriment ghal haddiehor*" biex tissodisfa l-htigijiet taghha.

Huwa veru li pendenti dawn il-proceduri, l-imputat zamm il-boghod mill-vizzju tad-droga (anke ghaliex kien taht arrest preventiv), izda kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Mark Mifsud*** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, "*Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero` meta si tratta ta' reati serji bhalma huma t-traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta` ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni*". Din il-Qorti ghalhekk fil-waqt illi sejra taghti izjed piz lill-element ta' deterrent fil-konsiderazzjoni taghha dwar il-piena, ser tiehu in konsiderazzjoni wkoll ir-rieda tajba li wera u li qieghed juri l-imputat waqt li kien u ghadu taht arrest preventiv sabiex izomm il-boghod mis-sustanza illecita.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll it-tieni proviso ta' dan is-sub-artikolu u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u tikkundannah

ghal piena ta’ tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta’ sitt mitt Euro (€600), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

In vista ta’ dak li inghad fil-konsiderazzjonijiet taghha, izjed il’fuq, il-Qorti tirrakkomanda illi l-hati jiskonta l-piena tieghu gewwa l-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Karmeli u jinghata dik l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex ikompli jzomm il-boghod mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat. Ir-Registratur ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura ghad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------